SWIEQI

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IL-HAMES KUNSILL 2007-2012**

**SEDUTA NUMRU 51**

**IL-ĦAMIS 23 ta' ĠUNJU 2011 FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL FIL-5.00P.M.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| CARMEN SAID | SINDKU |
| JOSEPH BONELLO | VIĊI SINDKU |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER (wasal 5.25p.m.) |
| RENE`ROSSIGNAUD | KUNSILLIER |
| GORDON SHEPHARD | KUNSILLIER |

***Mill-Kumitatt Amministrattiv tal-Madliena***

| | |
|---|---|
| Mary Anne Abela | VICI CHAIRPERSON |

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA.

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-minuti tas-Seduti numru 50 u 51 ġew approvati. Il-Viċi Sindku ppropona u s-Sindku ssekonda.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

**Mill-Kunsillier Mario Fava**

1. Il-Kunsillier staqsa dwar meta ser jibdew ix-xogħlijiet ta' dawl fin-niżla ta' Triq il-Qasam l-aċċess għal San Gwann u zebra crossing fi Triq ta' l-Ibrag. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dawn ix-xoghlijiet diġa bdew u ser jitlestew fit-tieni ġimgħa ta' Lulju 2011.

2. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi risposta għar-reminder li intbagħtet lit-Transport Malta dwar ir-resurfacing ta' Triq il-Marbat. Is-Segretarju Eżekuttiv wiegeb li għad ma waslitx risposta. Il-Kunsillier staqsa biex għal darba oħra terġa tintbagħat reminder.

3. Il-Kunsillier staqsa jekk sarux xi kuntatti mall-kumitat konġunt dwar sorveljanza ta' wardens fi Triq is-Swieqi, Triq il-Qasam u Triq ta' l-Ibrag, fil-viċinanza tal-ħwienet. Is-Sindku nfurmat li dwar dan is-suġġett hi kellha kuntatti mas-Sur David Soler.
   Il-Kunsillier Shephard informa li l-problema tad-double parking fit-tlett postijiet ġejja mit-trukkijiet kbar (deliveries). Dawn it-trukkijiet qed jieħdu post dawk ir-residenti li jiefqu għal ftit ħin biex jixtru. Il-Kunsillier sostna li jekk jiġi warden il-vittmi ikunu r-residenti u mhux id-deliveries li jkunu qed iħottu l-merkanzija. Il-Kunsillier sostna li l-problema qed tkun bejn l-4.00p.m. u s-7.00p.m. kif ukoll li l-l-wardens jiġu mhux biex jagħtu ċ-ċitazzjonijiet iżda biex jedukaw u jorganiżżaw it-traffiku. L-istess Kunsillier informa li ser ikellem lil authorised officer hu stess biex tinstab soluzzjoni. Il-Kunsillier Fenech jaqbel li għandu jsir studju ġenerali dwar il-lokalita' kollha. Il-Kunsill talab biex jerġaw isiru kuntatti mall-Wardens, l-Authorised officer biex tibqa ssir sorveljanza fit-tlett toroq. Is-Sindku ħadet l-inkarigu li terġa tqajjem dan is-suġġett fil-laqgħa tal-Kumitat Konġunt li jmiss.

4. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi risposta mill-Ministeru tat-Turiżmu dwar it-Tourist Zone. Il-Kunsillier ġie nfurmat li diġa saru kuntatti u dalwaqt l-ismijiet tat-toroq ser jiġu ppublikati uffiċjalment.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

**Mill-Kunsillier Mario Fava**

5. Il-Kunsillier staqsa jekk il-Perit tal-Kunsill lestiex l-istimi ta' Triq il-Keffa u Triq il-Qasam. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-istimi għad ma tlestewx pero' qed isiru stimi wkoll tal-mains ta' l-ilma kif ukoll is-servizzi għal kull dar. Dawn qed isiru mill-WSC.

**Mill-Kunsillier Alfred Curmi**

1. Il-Kunsillier staqsa jekk saritx xi kuntatti mall-Ministru dwar meta ser jibdew ix-xogħlijiet fuq iz-zuntier tal-knisja. Is-Sindku nfurmat li kellha kuntatti mall-Ministru Pullicino. Dan informa li dawn ix-xogħlijiet qegħdin fuq il-programm.

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is-Sindku infurmat li qed jitħejji l-programm ta' Jum is-Swieqi. Diġa saru kuntatti mas-Sur Goerge Curmi, il-Puse'. Għal programm ta' siegha u nofs, din il-persuna talbet €1165.00. Ser jinkitbu l-ittri għall xi sponsors. Il-Kunsill approva l-programm.

2. Il-Kunsill ġie infurmat li ġew ippublikati l-offerti għar-refurbishment tat-Tennis Court.

3. Il-Kunsill ġie nfurmat dwar l-attivita Car Free Day li ser issir fit-18 ta' Settembru 2011. Wara diskussjoni, ġie deċiż li l-Kunsillier Fenech jieħu l-inkarigu li jaħtar kumitat u għaldaqstant jiġi imħejji programm għal din il-ġurnata.

4. Il-Kunsill ġie nfurmat li reġgħu bdew jaslu lmenti dwar storbju fis-siegħat bikrin minn studenti barranin. Is-Sindku nfurmat li qed terġa tipprova tagħmel laqgħa li għaliha jkunu preżenti l-Assistent Kummissarju, Is-Supretendent tad-distrett. Il-Kunsillieri Fenech, Alfred Curmi u Rene Rossignaud talbu biex ikun preżenti għal din il-laqgħa.

**HUGH ZAMMIT** **CARMEN SAID**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

5. Il-Kunsill ġie nfurmat li s-Sindku kellha kuntatti mall-Perit Charmaine Cutajar dwar l-istimi tax-xogħlijiet ta' l-ilma u dranaġġ ta' Triq il-Qasam u Triq il-Keffa. Dawn it-toroq ser jiġu resurfacing bis-sistema tal-P.P.P

6. Is-Sindku nfurmat li kellha laqgħa ma' l-uffiċjali tas-Swieqi United Football Team. Dawn staqsew il-possibilta' li jingħataw l-arja ta' fuq it-Tennis Clubhouse biex dawn jibnu faċilitajiet għal bżonnijiet tagħhom.
Is-Sindku ħadet parir mingħand is-Sur Albert Mamo mid-Dipartiment ta' l-artijiet. Dan informa li dan mhuiex possibli peress li l-bini mhuiex tal-Kunsill. Il-Kunsill għandu biss id-devoluzzjoni għal 15 il Sena. Fl-istess laqgħa l-uffiċċjali urew ix-xewqa li jagħmlu riċerka dwar il-lokalita' u wara din tiġi ppublikata f' kotba. Huma staqsew jekk il-Kunsill ikunx interessat li jixtri ir-rights ta' din il-pubblikazzjoni. Dwar din il-proposta il-Kunsillier Fenech ħa l-inkarigu li jaħtar kumitat sabiex jiddiskutu din il-possibilta' kif ukoll li jintaqgħu ma' l-uffiċjali tat-Team tal-futbol biex din il-proposta tiġi diskussa aktar fid-dettal. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li għal dawn ix-xogħlijiet trid issir sejħa għall-offerti "quotation jew tender"

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA

**<u>Mill-Kunsillier Mario Fava</u>**

1. Il-Kunsillier informa li twaħħlu xi tabelli fi Triq il-Qatta u Triq il-Qantar. Dawn it-tabelli tattew b' boroz suwed. Hu staqsa r-raġuni. Il-Kunsillier ġie infurmat li dawn t-tabelli saru peress li fit-toroq imsemmija ser jibdew xogħljiet ta' resurfacing.

2. Il-Kunsillier informa li fit-toroq tal-Madliena, f' Ta' Stronka, Triq Markiz J. Scicluna, Triq il-Veduta u Triq Esprit Barthet fis-sigħat ta' filgħodu qed jgħaddu żwiemel b' ċertu veloċita. Dawn qed jagħmlu ħafna storbju kif ukoll jagħmlu ħsarat fil-wiċċ tat-toroq li għad kemm inksew bit-tarmac.
Il-Kunsill talab biex jiġu ordnati tabelli li jiprobwixxu żwiemel milli jużaw dawn it-toroq. Il-Kunsill talab ukoll li din il-materja għandha tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss mas-Supretendent u l-iSpettur tad-distrett.

3. Il-Kunsillier ġibed għall-attenzjoni li fin-naħa ta' fuq ta' Triq tal-Ibrag ta' spiss jaqa' xi ġebel mill-ħajt tas-sejjieħ (boundary wall) tat-Triq. Il-Kunsillier talab biex dan iċ-ċint jitpoġġa fuq il-programm tat-tiswijja ta' ħitan tas-sejjieħ.

**HUGH ZAMMIT** — **Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID** — **Sindku**

## V RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI (Jkompli........................)

**Mill-Kunsillier Rene' Rossignaud**

1. Il-Kunsillier informa li waslitlu nformazzjoni li kull filgħodu kmieni raġel mhux magħruf qed ifittex il-hobz fil-boroz li jintremew mir-residenti b' iskart domestiku. Il-Kunsill qabel li dan is-suggett għandu jiġi diskuss waqt il-laqgħa li għandha ssir mas-Supretendent Gatt.

2. Il-Kunsillier staqsa dwar meta ser jiġi installat d-dawl ġdid fin-naħa ta' isfel ta' Triq il-Qasam. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dawn ix-xogħlijiet diġa bdew u ser ikunu lesti għan-nofs Lulju.

3. Il-Kunsillier informa li fid-daħla tal-lukanda Forum hemm sigra buganvilla li għadha bżonn tinżabar.

4. Il-Kunsillier staqsa dwar meta ser ssir il-laqgħa mas-Supretendent Gatt, l-Assistant Kummissarju u l-Ambaxxatur ta' Spanja. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li s-Sindku qed tagħmel kuntatti ma' l-Ambaxxatur. Id-data tiġi mhabbra aktar tard.

**Mill-Kunsillier Paul Fenech**

1. Il-Kunsillier Fenech ġibed għall-attenzjoni tal-Kunsill li 'Feltom' kumpanija responsabbli minn studenti barranin li jiġi Malta biex jitgħallmu l-lingwa Ingliza kitbu dwar laqgħa mall-Kunsill u dawn għad ma kellux risposta. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li jaf bil-korrispondenza pero' għad ma irrispondiex peress li din il-korrispondenza ser titressaq f din il-laqgħa tal-Kunsill. Wara diskuzzjoni ġie deċiż li din il-laqgħa għandha ssir mill-aktar fies. Ser ikunu preżenti is-Sindku, il-Kunsillieri Fenech u Curmi.

2. Il-Kunsillier irraporta li waqt il-lejl li għadda hu irraporta li fil-mument kienu qed isiru ħsarat fuq vetturi ta' residenti pparkjati fi Triq is-Swieqi. Dawn kienu qed isiru minn studenti barranin. Il-Kunsillier informa li l-Pulizija waslu malajr fuq il-post u arrestaw lil dawk kollha involuti. Il-Kunsillier issurgerixxa li għandu ssir kuntatt mas-Supretendent biex tibda issir ronda mill-mobile squad bejn 12.00a.m. u s-6.00a.m.

3. Il-Kunsillier Fenech kellu diskors ta' tifkir għall-mod ta' kif tmexxiet il-laqgha ppulika annwali tal-lokalita' tal-Madliena.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## V RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI (Jkompli........................)

*Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Rene Rossignaud ġew skużatu 7.35p.m.*

**Mill-Kunsillier Alfred Curmi**

1. Il-Kunsillier irraporta li fi Triq il-Molletta żewġ kuntratturi qed jaħdmu fuq siti differenti. Dawn qed iħallu ħafna ħmieġ fuq is-sit tagħhom. Il-Kunsillier talab biex isiru kuntatt mall-Kuntratturi u jintalbu inaddfu kuljum wara li jlestu.

2. Il-Kunsillier gibed għall-attenzjoni bankina imkissra fit-tarf ta' Triq is-Sidra propjeta' tal-Perit Edward Benċini. Il-Kunsillier talab biex jiġi avviċinati is-sidien sabiex dan il-periklu jiġi eliminat mill-aktar fies.

3. Il-Kunsillier ġibed għall-attenzjoni li xi residenti minn Triq il-Qasam u Triq is-Sidra qed joħorġu il-borza tal-mixed waste sa minn filgħaxija qabel il-ġabra ta' filgħodu. Hu talab biex isiru kuntatti mal-Green Wardens.

4. Il-Kunsiller informa li fil-website tal-Kunsill hemm ħafna avviżi qodma. Hu talab sabiex din tiġi aġġornata.

5. Il-Kunsillier irraporta li l-bins tal-Waste Seperation qed jintlew spiss. Hu ssuġġerixxa li dawn għandom jitbatlu aktar spiss.

6. Il-Kunsillier staqsa biex isir kuntatt il-Perit tal-Kunsill dwar il-ħajt tas-sejjieh ħiereġ il barra fit-Triq fi Triq tal-Ibrag fil-viċinanza tal-Halland Hotel. Il-Perit jikkomunika mall-MEPA.

7. Il-Kunsillier reġa staqsa dwar il-possibilta' ta' l-olterazzjonijiet fil-bankina fit-tarf ta' Triq il-Qasam fil-viċinanza tal-Corner Food Store. Is-Sindku wieġbet li dawn ix-xogħlijiet jistgħu jsiru meta ssir ir-resurfacing ta' l-istess Triq.

**Mill-Viċi Chairperson Mary Anne Abela**

1. Il-Viċi Chairperson tal-Madliena infurmat li t-toroq tal-Madliena kważi tlestew. Fadal biss Triq il-Harrub u Triq Pedidalwett. Ix-xogħlijiet li tlestew saru b' mod sodifaċendi.

**HUGH ZAMMIT** **CARMEN SAID**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

## VI KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li saru l-interviews għall-iskrivana Scale 15 għall-Kunsill. Il-bord ta' l-għażla għażel lis-Sinjorina Naomi Magri. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxa li din tibda minn nhar it-Tnejn 27 ta' Ġunju 2011. Il-Kunsill approva

2. Is-Segretarju Eżekuttiv talab għall-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jinxtara program tas-Sage Fixed Plant Registry. Dan jiswa €380 u yearly maintenance fee ta' €150.00. Il-Kunsill approva ix-xiri.

3. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Accountants tal-Kunsill KPMG qed jistaqsu l-possibilta' li l-Kunsill ikollu sistema ta' Internet Banking (read only). Il-Kunsill approva.

4. Is-Segretarju Eżekuttiv informa dwar korrispondenza mingħand is-Sur Nicky Bilocca (Frank Salt Estate Agents). Dan qed jitlob permess biex iwaħħal riklami tal-kumpanija f' lokalitajiet fis-Swieqi bi ħlas skond kif spjegat fil-bye law. Il-Kunsill talab biex identifikati eżatt fejn din il-Kumpanjia tixtieq tagħmel ir-rikalmi.

5. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kuntrattur tad-dawl ser jispiċċaw bħala kuntratt dirett mall-Kunsill. Dawn ser jiġu reġjonali pero' għad ma hemmx data iffissata ta' meta dawn ser jibdew.

6. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta korrispondenza mid-dipartiment tal-Gvern Lokali Is-Sur Pio Farrugia Memo 66/2011 – Skema ta' Finanzjament għat-Tipjip fil-playing fields eżistenti. Il-Kunsill ġie infurmat li l-Inġinier Desira informa li l-playing field f' din il-lokalita' huma miżmuma ferm tajba u mingħajr periklu. Il-Kunsillier Fenech staqsa jekk jistgħax jogħla iċ-ċint fil-ġnien ta' Triq il-Ħemel kif ukoll issir grada li tinfetaħ filgħodu kmienu u tagħlaq filgħaxija.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## VII APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI

1. Il-pagamenti kollha li jidhru fuq l-iskeda ġew approvati. Il-Kunsillier Curmi irrimarka dwar kontijiet antiki li suppost ġew ippreżentati mill-Kuntrattur aktar kmieni.

Il-Laqgħa spiċċat fit-8.00 pm u sar aġġornament għal nhar il-Ħamis 4 ta' Awwissu 2011 fil-5.00p.m.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**